MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 440/2005/1

**Marsovin (Sales & Distribution) Ltd**

**vs**

**Vince Bellizzi, Vince Gauci u Joe Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Frar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' elf, disa' mija u sebgha liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1907.37c) bilanc ta' self moghti lill-konvenuti

permezz ta’ kuntratt datat 24 ta’ Awissu 2001 (Dok A).

Il-konvenuti gew nterpellati jhallsu, izda baqghu inadempjenti (ittri datati 3 ta’ Dicembru 2003 u 31 ta’ Jannar 2005 – Dok B, C, D u E).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-imsemmija dokumenti annessi mal-atti a fol 2 sa fol 9 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 28 u fol 29 ibid) u li biha eccepew reverentement:

1. Illi kif taf is-socjeta’ attrici l-konvenuti kienu dehru fil-kuntratt ghan-nom ta’ Zurrieq Football Club u ghalhekk il-kawza kellha tkun kontra Zurrieq Football Club u mhux kontra taghhom personalment. Ghalhekk huma qed ihossuhom ingannati fil-kliem “in their personal capacity” li qed jindunaw bihom issa, u liema kliem ma gewx spjegati lilhom u dan peress illi l-ftehim kien proprju li huma kienu qed jidhru ghan-nom ta’ Zurrieq Football Club.
2. Illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.
3. Illi fit-tielet lok il-konvenuti ma gewx interpellati u ghalhekk m’ghadhomx ibaghtu l-ebda spejjez.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 72 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jidher mill-atti, b’mod car, illi dan il-kaz hu iffokat fuq il-punt dwar jekk il-konvenuti humiex

responsabbli ghall-hlas tal-ammont pretiz fl-avviz jew personalment jew in rappresentanza tal-'football club' hawn fuq imsemmi u dan kif risultanti mill-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti.

Illi dwar l-istess punt u fil-fehma tal-Qorti ghandha ssir referenza ghas-segwenti fatti:-
a) Fl-24 ta' Awissu 2001 kien gie ffirmat ftehim kif jidher a fol 2 sa fol 7 tal-atti. Permezz taghha, il-konvenuti hemm maghrufin bhala "the operators" u "… being President, Secretary and Treasurer respectively …" tal-'club' imsemmi obbligaw ruhhom li jixtru, biss minghand is-socjeta attrici l-prodotti specifikat fl-istess skrittura sabiex dawn jinbieghu mill-istess 'Establishment hemm imsemmi – ftehim li permezz tieghu gew esklusi prodotti ta' ditti ohrajn, kompetituri tas-socjeta' attrici fl-istess kamp. Fl-istess ftehim jinghad , ukoll, illi l-istess socjeta attrici kienet qed taghti ossija tat b'self is somma ta' Lm5,000 pagabbli skond il-klawsola numru erbgha (4) (fol 3 ibid) li fiha hemm specifikat "set off" ossija tpacija kif hemm spjegat. Ulterjorment, dan il-ftehim kien gie ffirmat mill-konvenuti fil-kwalitajiet taghha msemmija u kif jidher a fol 5 ibid. Illi, pero, kif risultanti mill-istess ftehim hemm specifikatament imnizzel u miktub illi t-tlett konvenuti kienu "… appearing hereon in their personal names and capacity".
b) Raymond Cassar (fol 35 ibid) "sales manager" mas-socjeta' attrici u li kien presenti waqt l-iffirmar tal-istess ftehim da parti tal-istess partijiet avolja mhix simultaneament. Ix-xhud sostna illi l-istess ftehim kien inqara qabel ma gie ffirmat.
c) Dr Joseph Chetcuti (fol 59 et seq ibid) segretarju tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' attrici, wara li spjega it-tragitt u l-"iter" kollu qabel ma jigi ffirmat ftehim bhal dak in esami, ghamel referenza ghat-tieni (2) paragrafu a fol tnejn (2) tal-atti, gja citat, u rrepeta illi l-konvenuti kienu "… assumew l-obbligazzjonijiet taghhom personalment". Inoltre

x-xhud spjega ukoll illi kien baghat ittra interpellatorja lill-konvenuti Vince Bellizzi u Joseph Farrugia individwalment (ara fol 25 u fol 26 ibid) kif ukoll fol 8 u fol 9 ibid) sabiex dawn jhallsu l-bilanc dovut liema ittri, pero', baqghu minghajr risposta jew 'ilment' da parti tal-istess interpellati.

d) Dottor Paul Debattista (fol 61 et seq ibid) ikkonferma kemm il-kontenut tal-istess ftehim kemm il-firma tieghu fuq l-istess skrittura privata.

e) Zewg affidavits "sottomessi" mill-konvenuti Vincent Gauci u Joseph Farrugia (fol 65 u fol 68 et seq ibid), tista' tghid, identici bejniethom. It-tnejn jsostnu illi l-ftehim kien gie ffirmat minnhom f'isem il-'club' imsemmi fil-kawza taghhom ta' President u Segretarju tal-kumitat. Inoltre t-tnejn jghidu illi bl-ebda mod ma' kienu involuti, b'mod personali, fil-ftehim in esami. Skond l-istess konvenuti, kienu wara l-ftehim li skoprew illi s-socjeta' attrici kienet dahket bihom wahda sew.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kwistjoni in esami kif sottomessa mill-konvenuti fl-ewwel (1) eccezzjoni taghhom ma hemm ebda dubbju illi l-konvenuti ffirmaw il-ftehim in esami skond il-kariga li kienu jkopru fil-perjodu in esami, fl-imsemmi 'club'. Pero jidher car, ukoll, mill-istess skrittura illi l-konvenuti dehru u ffirmaw l-istess ftehim "… in their personal names and capacity" u ghalhekk assumew "proprio" l-obbligazzjonijiet kollha risultanti minnu. Minhabba hekk l-eccezzjoni in esami ma tistax treggi jew tigi akkolta.

Ikkunsidart

Illi, in rigward l-eccezzjonijiet rimanenti, l-Qorti ma tistax tara kif dawn, b'xi mod, jistghu jigu akkolti.

Ikkunsidrat

> Illi dwar <u>l-imghax</u> dovut, ghandha tigi konsiderata l-klawsola numru tlieta (3), l-ahhar paragrafu (fol 3 ibid) fejn jinghad illi l-imghax tat-8% fis-sena' jew rata aktar gholja permessa mill-ligi ghandha tiddekorri fuq kull bilanc ghadu dovut meta jispicca l-istess ftehim. Dwar meta dan, effettivament, spicca ma ngiebet ebda prova cara u ghalhekk il-Qorti tara li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mill-perjodu imsemmi fl-ewwel (1) paragarafu tal-istess klawsola tlieta (3) (fol 3 ibid) cjoe <u>tlett snin mid-data tal-ftehim</u> hawn fuq imsemmija. Inoltre, trattasi ta' att kummercjali, ghandu jigi presunt illi d-dejn in esami ghandu jithallas <u>solidament</u> mill-konvenuti.
>
> Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1907.37 ossija €4442.98 bl-imghax legali tat-8% mill-24 ta' Awissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.**"**

Appella minn din is-sentenza l-konvenut Vince Bellizzi biex jitlob it-thassir ta' dik il-parti tas-sentenza fejn hu gie kkundannat ihallas is-somma reklamata. Din it-talba tieghu hi preceduta mill-motivazzjoni illi hu qatt ma gie notifikat bl-att ta' l-Avviz, qatt ma kkonsulta Avukat u qatt ma ta struzzjonijiet sabiex jigu pprezentati eccezzjonijiet f'ismu;

Ghal dak li jghodd ghall-ezami ta' dan l-aggravju, huma apparenti mill-atti z-zewg indikaturi li jsegwu, u cjoe:-

(1) ir-Riferta negattiva tan-notifika lill-appellanti bl-Avviz promotur (ara fol. 12);
(2) in-Nota ta' l-eccezzjonijiet (ara fol. 28);

Il-kawza tas-socjeta` attrici hi diretta kontra tliet konvenuti u kull wiehed minnhom hu konsegwentement imsejjah

biex iwiegeb ghaliha.  Jinzel mill-provvedimenti tal-Kodici ta’ Procedura, illi tkun ir-responsabilita` ta’ l-attur li jiehu hsieb li jigi notifikat lil kull wiehed mill-konvenuti l-att ta’ l-Avviz, ukoll jekk dawn ikunu jghixu flimkien fl-istess indirizz (Artikolu 185).  Ragonevolment, dan huwa hekk ghaliex in-notifika ta’ l-att processwali introduttiv hi ta’ massima importanza in kwantu sservi biex ikun assikurat illi kull wiehed mill-imharrka jkollu l-opportunita` jiddefendi ruhu u jressaq l-assunti kollha tieghu fil-konfront tal-pretensjoni ta’ l-attur.  Jezistu di fatti gudikati antiki li jsostnu illi “sentenza moghtija kontra min ma giex notifikat bic-citazzjoni hija nulla”.  Ara “**Negte Raffaele Psaila -vs- Annetta Gera *et***”, Appell Kummercjali, 2 ta’ Novembru, 1934;

Issokta jigi precizat f’din l-istess sentenza illi l-eccezzjoni tan-nullita tas-sentenza minhabba nuqqas ta’ notifika tac-citazzjoni tista’ tigi sollevata fit-tieni istanza u l-Qorti ta’ l-Appell ghandha tiehu konjizzjoni taghha.  Strettament, huwa biss bir-rimedju ordinarju ta’ l-appell jew b’dak tar-ritrattazzjoni illi tista’ titqajjem dik in-nullita, u mhux permezz ta’ xi kawza ohra separata.  Ara “**Salvatore Fenech -vs- Emmanuele Borg**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 3 ta’ April, 1962;

Ipprecizat dan, l-appellanti f’dan il-kaz ma jgibx ‘il quddiem in-nullita tas-sentenza izda l-invalidita` taghha fil-konfront tieghu u dan ghall-motiv minnu akkampat fuq ir-riferta negattiva tan-notifika lilu ta’ l-Avviz.  Kontra dan, is-socjeta` attrici tirribatti illi, ankorke kien hemm dik ir-riferta negattiva, il-fatt li tressqet Nota ta’ eccezzjonijiet ghandu jekwivali daqslikieku l-appellanti gie debitament notifikat;

Issa huwa fatt cert li l-appellanti ma giex regolarment notifikat.  Huwa wkoll fatt cert illi tressqu eccezzjonijiet.  In linea ta’ principju generali n-nuqqas ta’ notifika tista’ f’certi sitwazzjonijiet tigi “konvalidata” jew minn kondotta konkludenti tal-konvenut li lilu hu destinat l-att, u dan bl-apparenza tieghu fil-gudizzju fejn jaghti ruhu b’notifikat

jew permezz tal-prezentata minnu ta’ risposta jew ta’ eccezzjonijiet, jew fil-kaz fejn aktar minn konvenut wiehed ikun rapprezentat fil-gudizzju minn difensur wiehed li jressaq difizi ghan-nom taghhom ilkoll. Anke dan igib l-effett tan-notifika nnifisha, ghaliex, kif deciz, anke jekk in referenza ghall-att promotur ta’ l-appell, “il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b’notifikata bl-att”. Ara “**Antoinette Vella -vs- Kummissarju ta’ l-Artijiet *et***”, Appell, 13 ta’ Lulju, 2001;

Premess dan, fil-kaz prezenti din il-Qorti mhix f’qaghda li tghid b’certezza jekk in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet a fol. 28 gietx hekk intavolata fl-interess tal-konvenuti kollha, anke ghaliex dwar dan l-istess Nota hi siekta u limitativa ghall-kliem “Nota ta’ l-Eccezzjonijiet” bla ebda kwalifika ohra. Li tista’ tghid fic-cert hu illi minn ebda verbal ma jirrizulta illi l-appellanti qatt deher f’xi wahda mill-udjenzi quddiem l-ewwel Qorti u ghal dawk li huma provi gew biss prodotti l-Affidavit taz-zewg konvenuti l-ohra, ossija ta’ Vince Gauci a fol. 65 u ta’ Joe Farrugia a fol. 68. F’din il-qaghda jinsorgi d-dubju fil-Qorti kemm tabilhaqq dik in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet kienet hekk qed tkopri l-interessi processwali ta’ l-appellanti u kemm, allura, jista’ jigi legittimament accettat illi ghal dik ir-raguni l-istess appellanti kien debitament notifikat;

Dubju bhal dan ma jistax ma jgibx mieghu dik il-preokkupazzjoni fil-Qorti illi l-principju tal-kontradittorju kostitwenti regola processwali inderogabbli ma giex rispettat in kwantu ghal dik l-assenza ta’ notifika, hekk accertata mill-atti, l-appellanti ma kellux l-opportunita li jesponi d-difizi tieghu u li jipproduci l-provi ghas-sostenn taghhom. Jikkonsegwi illi s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu ma tistax titqies valida, anke jekk tibqa’ sussistenti di fronte ghall-konvenuti l-ohra;

Affermat dan, il-Qorti ma jidhriliex li ghandha hi stess tokkupa ruhha f’dan l-istadju mid-difizi fil-mertu mqanqla

mill-appellanti fir-rikors tieghu ta’ l-appell izda ghandha minflok tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex hemm tinvestihom u tiddecidihom u b’hekk ukoll ma jintilefx ghall-partijiet il-beneficcju tad-*doppio esame*;

Ghal dawn il-motivi, fermo restando l-validita u l-ezegwibilita` tas-sentenza appellata di fronte ghall-konvenuti Vince Gauci u Joe Farrugia li baqghu ma appellawx minnha, tilqa’ l-appell tal-konvenut Vince Bellizzi ghall-konsiderazzjonijiet predetti u b’hekk thassar l-istess sentenza fil-konfront tieghu, bl-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet. L-atti tal-kawza qeghdin finalment jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex, wara d-debita notifika ta’ l-att promotur lill-imsemmi appellant, tiddefinixxi u tiddeciedi l-mertu tat-talba skond il-ligi in kwantu ghall-interessi tal-konvenut appellanti fil-procediment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------